

# Il-Kappella ta' Sant' Anna fil-Pwales

Kitba ta' Max Farrugia

Waħda mid-diversi kappelli li jagħmlu parti mill-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar, u li tinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali hija dik iddedikata lil Sant' Anna li tinsab fl-inħawi tal-Pwales. Għalkemm tinsab ġol-wied, hija mibnija fuq il-blat għoli u għalhekk tispikka ħafna. Nista' ngħid li matul is-seklu għoxrin u wieħed u għoxrin, il-kappella dejjem sabet min jieħu ħsiebha għajr għal perjodu qasir lejn nofs is-seklu l-ieħor meta kienet sfat abbandunata għal xi snin. Mill-bidu ta' dan is-seklu din l-Kappella bdiet tieħu ħsieba l-Għaqda Ex-Studenti Liceo, jew kif hija aħjar magħrufa bħala *Association of Lyceum Past Students.*

Mill-Vista Appostiolika li Monsinjur Pietro Dusina għamel fl-1575, fl-inħawi tal-Mellieħa, (li allura dak iż-żmien il-limiti kienu jibdew minn xifer il-baħar taħt il-Qammieħ u ċ-Ċirkewwa, l-Aħrax tal-Mellieħa, jibqgħu sejrin sal-Għadira, San Pawl il-Bahar, jibqgħu sejrin sas-Salini, Wied il-Għasel, l-Mġarr, u Għajn Tuffieħa) insibu ħafna informazzjnoni. F'din il-parti ta' fuq ta' Malta kien hemm diversi rħajjel (*hamlets*) li fihom kienu jgħixu familji li jkunu sudditi tal-Fewdatur, jiġifieri, is-sid tal-artijiet. Huwa dokumentat li f'din il-lokalità biss, bejn 1361 u 1575 kien hemm madwar sbatax-il rħajjel u fost dawn kien hemm il-Pwales. Fuq ir-riħ tiegħu kien hemm l-Għerien tal-Manikata li kienu jagħmlu parti minnu ukoll. Fl-inħawi tal-Pwales insibu aktar għerien, li jinsabu fuq l-għolja tax-Xemxija, kif ukoll fit-tramuntana tal-kappella. Nafu ukoll li f'dawn l-inħawi kien hemm mill-inqas tliet kappelli, dik ta' San Gwann l-Għammiedi, li hemm fuq l-għolja tal-Wardija, dik ta' San Martin li ukoll tinsab fl-istess limiti tal-Wardija, u l-Kappella tat-twelid tal-Madonna li tinsab fil-Pwales, u li llum hija dedikata lil Sant'Anna. Skont mappa ta' żmien l-Ordni ta' xi għaxar snin biss qabel din il-Visita Appostolika li għaliha għamilt referenza, din il-kappella insibuha imniżżla bħala S. Maria tal-Pwales. Dawn l-artijiet fis-seklu erbatax u ħmistax kienu propjetà ta' diversi individwi fosthom, ta' Nicolaus Piche, Johannes de Sancta Sophia, Johannes de Araxula, u qarib tiegħu Mattew, Inigus de Guivera, u Jacobas de Ardona. Minn dokumenti antiki insibu ukoll ismijiet tal-kontradi li kienu jagħmlu minnhom dawn l-individwi. Dik ta' fejn illum hemm l-Kappella ta' Sant'Anna kienet magħrufa bħala Tumas Xara. L-ewwel kappella f'dawn inħawi kienet inbniet lejn l-aħħar snin tas-seklu tlettax, bidu tas-seklu erbatax minn Gianni Lorenzo Galea, li kien responsabbli mill-artijiet li kellu Inigus de Guivera, li kien il-Kastellan tal-Birgu. Skont



*Il-Kappella ta' Sant Anna*



Il-Kappella minn ġewwa

iż-żjara li l-Visitatur Appostoliku Monsinjur Dusina għamel fil-Mellieħa nsibu li din il-kappella kienet dedikata lit-Twelid tal-Madonna. Kienet għada tintuża u jidher li kienet tinsab fi stat tajjeb għax ma għamel ebda rimarki partikulari dwara. Ma sibtx meta ġiet profonata u minn min. Fl-1672, kwazi mitt sena wara iż-żjara ta' Dusina, din il-kappella inbniet mill-ġdid u ġiet imbierka mill-isqof Lorenzo Astiria fl-1 ta' Lulju tal-istess sena. Huwa dokumentat fl-atti notarli li aktar kmieni f'dik is-sena, Lauruca Galea u Agata Xerri kienu waqfu benefikat għal din il-Kappella. Il-flus kienu ġejja mid-dħul ta' artijiet li kien hemm fil-Pwales stess. Dan il-benefikat kien jorbot lir-rettur li fil-festa tiġi ċċelebrata quddiesa bil-kant tal-għasar. Minħabba l-inħawi ta' fuq ta' Malta ta' spiss kienu jiġu attakkati mill-pirati u l-furbani, ħafna minn dawk li kien jgħixu f'inħawi marru f'postijiet aktar siguri u abbandunaw din l-akwata. Meta l-Isqof Pawlu Alpharan de Bussan, għamel żjara pastorali fl-1731, il-kappella sabha fi stat ħażin ħafna u għal darba oħra reġgħat ġiet profonata. Kien l-Isqof Giovanni Pellerano li madwar 40 sena wara bierek din il-kappella mill-ġdid u bdiet terġa tintuża.

Ftit aktar minn ħamsa u għoxrin sena wara, propju fl-1798, din il-kappella, li allura kienet armata bil-bżonnijiet kollha għas-servizzi reliġjużi ġarbet ħafna ħsara, u ġiet misruqa minn kull ma kien hemm fiha. Waqt wieħed mill-attakki li l-suldati Franċiżi ta' Napuljun kienu min-żmien għal żmien iwettqu fuq il-knejjes Maltin daħlu f'din il-kappella, serqu kull ma sabu u vandalizzaw il-kwadru titular tal-Vittorja, billi ċartuh bil-bajjunetti tagħhom. L-istess ħaġa kienu għamlu fil-kappella dedikata lil Madonna tal-Abbandunati fil-Wardija li tinsab ftit bogħod minn din il-kappella. Hemmhekk il-ħsara ma kientx daqshekk kbira. Wara it-tkeċċija tal-Franċiżi, din il-kappella mill-ġdid reġgħat bdiet tintuża u r-rettur, minflok it-titular li kien hemm, poġġa kwadru ieħor, din id-darba ta' Sant'Anna u San Ġwakkin. Għaliex sar hekk ma nafux, imma huwa maħsub sabiex il-kappella jkollha titular mill-ġdid. Min dak in-nhar 'il quddiem, din il-kappella bdiet tissejjaħ bħala ta' Sant' Anna.




Mappa li turi l-kappella l-antika

Ftit li xejn nafu dwar il-kappella matul is-seklu dsatax, imma skont bdiewa li minn dejjem kellhom il-famliji tagħhom jgħixu fl-inħawi, meta bdiet tintuża fl-ewwel kwart tas-seklu li għadda, ma tantx kienet fi stat tajjeb u kienu saru diversi xogħolijiet strutturali fiha, fosthom il-bdil tas-saqaf minħabba l-ħsarat li kellu. Għalkemm għadni ma għamiltx riċerka dwar kif il-benefikat li kien twaqqaf fl-1672, għadda minn id għall-oħra jew inkella ġiex ċedut lill-Knisja Maltija matul l-ewwel snin tas-seklu l-ieħor, din il-kappella bdew jieħdu ħsiebha n-nies tal-lokal. Anni, li għada mimlija bil-għomor, u li ommha tagħtha dan l-isem għall-qaddisa ta' din il-kappella, qaltli li meta kienet għada tifla żgħira tiftakar lil Gejta, magħrufa bħala *taċ-Ċakkar* tieħu ħsieb il-knisja. Għalkemm kulħadd kien jafha b'dan il-laqam għax f'dawk iż-żminijiet kont tinqeda aktar bil-laqam milli bil-kunjom, it-tfal kien jgħidulha Gejta s-sagristana. Din Gejta kienet twieldet u baqgħet tgħix ġo razzett viċin ta' din il-kappella għomorha kollu. Anni kompliet tgħid li kien jinżel qassis kull nhar ta' Ħadd sabiex iqaddes il-quddiesa tal-obligu u li dan baqa' jagħmel hekk sa ma miet. Minbarra il-quddies, dan is-sacerdot kien ukoll jieħu ħsieb doveri oħra tal-inħawi bħal qrar, u anki kien iqarben lil xi anzjani fid-dar tagħhom. Anni tiftakar ukoll meta wara l-mewt tas-saċerdot, għamlu żmien kien ikollhom imorru jisimgħu il-quddies jew l-Kappuccini x-Xemxija li kellhom kappella li kienet tieħu ftit nies, jew inkella San Pawl il-Baħar il-Parroċċa, jew tal-Karmnu. Dawn iż-żewġ knejjes kienu imbegħda mhux ħażin. Meta mietet Gejta għal xi żmien, komplew jgħidulna in-nies tal-inħawi, il-kappella sfatt xi ftit traskurata u l-uniku servizz reliġjuż li kien jinżamm fiha kien it-tagħlim tal-katekiżmu San Pawl il-Baħar għad hawn anzjani li kienu jmorru għal-lezzjonijiet tal-katekiżmu hemmhekk.



*Il-kwadru titulari preżenti*

Matul dawn l-aħħar tlettin sena, din il-kappella nistgħu ngħidu reġgħet ħadet il-ħajja u spiċċat simili ħafna għall-ewwel tal-bidu tas-seklu l-ieħor. Dan kollu seħħ bl-ghajnuna ta' Patri Ugolino Xerri, li kien qiegħed jagħti servizz fil-Paroċċa ta' San Pawl il-Baħar, u aktar 'il quddiem permezz tal-ALPS (l-assocjazzjoni tal-istudenti li xi darba kienu jattendu l-Liceo) li għandhom id-direttur spiritwali tagħhom lil Patri William Bartolo Frangiskan Konventwal. Skont Patri Ugolino stess, meta huwa beda jieħu ħsieb din il-kappella fil-bidu tas-snin tmenin, l-għan prinċipali tiegħu kien li jagħti servizz lill-bdiewa u lill-familjari tagħhom li hemm fl-inħawi tal-kappella u l-madwar. Ugolino, kif kulħadd għadu jirreferi għalih sal-lum, kien ta' kuljum iqaddes fis-7.00 ta' filgħodu u fil-jiem tas-sajf aktar kmieni u ta' spiss anki filgħaxija peress li l-bdiewa kienu idumu aktar fl-għelieqi tagħhom. Kien dar il-kappella għal bżonnijiet li kellha u anki bena karma fuq is-sagristija fejn wieħed jista' jistrieħ. Qalli li mhux darba u tnejn raqad fil-kamra li hemm ma' din il-kappella. Peress li ma kellux qanpiena fuq il-kappella, kien isejjaħ lir-residenti tal-madwar permess ta' sistema ta' speakers li kien installa. Tant kienet għal qalbu din il-kappella li fi żmieu kienu saru żewġ statwi fl-inħawi tal-kappella; waħda ta' San Franġisk u l-oħra tal-Madonna. Patri Ugolino kien reġa introduċa mill-ġdid il-festa ta' Sant'Anna. Kien hemm perjodu qasir meta din il-kappella sfat bla saċerdot għax Patri

Ugolino ma baqax fil-kunvent ta' San Pawl il-Baħar. Imma il-Mulej jaħseb għal kollox. Wara laqgħat li nżammu bejn il-kumitat tal-ALPS, (l-assoċjazzjoni tal-studenti tal-Liceo) u Patri Joe Mamo li kien il-kappillan il-ġdid u bl-intervent ta' Patri William Bartolo, li huwa id-direttur spiritwali ta' din l-Għaqda, sar ftehim li din il-kappella jibdew jieħdu ħsiebha l-ALPS. Wara xhur ta' stennija f'April tal-2001 bdew jieħdu ħsieb din il-kappella. Matul dawn it-tlettax-il sena, din l-Għaqda qatt ma ħarset lura u għamlet ħafna xogħol. Twaqqaf kumitat apposta sabiex din il-kappella tiġi restawrata kif suppost. Ħafna mix-xogħol kien sar taħt is-supervizzjoni tal-periti tal-Ministeru tal-Infrastruttura, li dak iż-żmien kien imexxi l-Onor Francis Zammit Dimech. Fl-akwata ta' madwar il-kappella kien sar ħafna xogħol fiha ukoll.



*Il-kwadru titulari preżenti*

Il-kappella hija waħda sempliċi ħafna għanda għamla kwadra u saqaf ċatt. Ma nsibu ebda lavur fil-faċċata ħlief għall-gwarniċ fuq il-bieb u tieqa fuqu, u speċi ta' kampnar żgħir ħafna. Quddiem il-kappella hemm zuntier żgħir li ħafna drabi minħabba iċ-ċokqn tal-kappella, is-servizzi reliġjużi isiru barra fuq iz-zuntier. Fuq ġewwa insibu l-altar oriġinali u ieħor medja. It-titular juri lil Sant'Anna, San Gwakkin , u lil Marija (il-Madonna) bħala tifla ċkejkna. Dan ix-xogħol huwa attribwit lil Dun Gusepp di Stedano u sar fl-1860. Insibu ukoll statwa sabiħa ħafna li kienet inġabet minn Franza madwar mitt sena ilu.

Din il-kappella tinfetaħ darba fix-xahar għal quddiesa li tkun organizzata mill-kumitat u jsiru xi attivitajiet oħra minn żmien għal żmien. Attività li kemm il-membri, kif ukoll in-nies tal-lokal, ikunu qed jistennew ta' kull sena hija l-Festa ta' Sant'Anna. Din il-festa issir ftit tal-ġranet biss qabel il-festa tad-Duluri li tiġi ċċelebrata f'San Pawl il-Baħar. Jiena kelli l-okkazjoni li nattendi għal diversi drabi għal din il-festa u fis-sempliċità tagħha wieħed jieħu gost ħafna. Minbarra l-parteċipazzjoni tal-istudenti li xi darba kienu jattendu l-Liceo, ikun hemm ukoll il-parteċipazzjoni tan-nies tal-lokal. Waqt il-festa l-akwata tkun imżejna fid-dawl u anki girlanda għal okkazjoni, issir quddiesa bil-kant minn kor li jinġab apposta. Wara l-quddiesa, isir festin li jorganizzaw l-ALPS u l-bdiewa tal-madwar jipprovdu frott frisk għal waqt dan ir-reċiviment. Is-sabiħ huwa li ħafna anzjani jirrakuntaw dak li għaddew minnu huma u l-antenati tagħhom f'dawn l-inħawi. Attività oħra li isir kull sena hija quddiesa li jsir fl-eqreb Ħadd tal-festa liturgika ta' San Ġorġ Preca li tiġi fid-9 ta' Mejju. Din il-quddiesa issir minħabba li Dun Ġorġ Preca, qabel daħal is-seminarju, kien ukoll student tal-Liceo. F'Novembru f'Sibt li t-temp ikun jippermetti issir ukoll quddiesa b'suffraġju għall-erwieħ l-ex studenti kollha tal-Liceo, u l-qraba tan-nies tal-inħawi.

Ir-residenti ta' dawn l-inħawi japprezzaw ħafna ix-xogħol li jsir mill-ALPS u għal kull attività jattendu bi ħġarhom saħansitra jiġu anki xi uħud li ma għandhomx jgħixu f'dawn l-inħawi imma li twieldu hemm. Il-komunità tal-Pwales propju is-sena l-oħra tilfet wieħed minn uliedha li kien intiż ħafna dwar dak li kien jiġri matul is-snin f'dawn l-inħawi. Qed nirreferi għal Aldo Leone Ganado li ħallina biex imur jiltaqa' mal-Mulej. F'din il-komunità għad hemm jgħixu numru ta' anzjani li xi uħud minnhom huma anki attivi fil-qasam tal-biedja.